# Aħbar Tajba



Ġen 9, 8-15
S 24, 4-9
1 Piet 3, 18-22
Mk 1, 12-15

"Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet;
**indmu u emmnu fl-Evanġelju."**

Piri Thomas hu l-awtur tal-ktieb 'Down these Mean Streets'. Jirrakkonta dwar ħajtu kif inbidlet minn ħabsi għal *pusher* tad-droga u saħansitra kien għamel attentat ta' qtil fuq xi ħadd. Imma l-istorja ta' ħajtu tieħu triq mhux mistennija sakemm jikkonverti u jibda' jaħdem kemm jiflaħ biex ixandar lil Ġesù.

Jirrakkonta kif darba fiċ-ċella tal-ħabs, meta kien wiċċu 'l fuq fis-sodda, irrealizza x'taħwida kbira kien għamel minn ħajtu. Ħass li l-ħabs kien sar daru. Ħassu li ħela ħajtu u fuq kollox kien mimli dwejjaq kbar. Kien f'dan il-mument li xtaq jitlob imma staħa għax ma kienx waħdu. Billi kien bil-lejl Piri stħajjel li sieħbu kien rieqed u għamel kuraġġ, niżel għarkopptejh u minn taħt l-ilsien ħareġ id-dwejjaq li kellu f'qalbu. Tkellem ma' Ġesù kif ħassu. Tant kellu dispajċir li beda jibki. Kif waqaf minn talba twila, imma spontanja, jisma' lil sieħbu jwieġeb: 'AMMEN!'

Piri jgħid li dak il-lejl mingħajr ma jaraw lil xulxin qagħdu jitkellmu fuq ħajjithom u kemm iddispjaċihom b'dak li għamlu. Sieħeb Piri ammetta li hu kien jemmen f'Alla imma li kien tah il-ġenb. Għal dan Piri wieġbu: "Insomma, Alla veru dejjem magħna!... il-problema hi aħna... mhux dejjem ma' Alla!"

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jistedinna biex nagħmlu żewġ affarijiet: Nindmu u Nemmnu. Ġesù qed jistedinna biex indawru ħajjitna għall-aħjar u biex nemmnu fil-kelma tiegħu li hi l-Bibbja. Biex ninbidlu rridu nindunaw li aħna niżbaljaw u mhux dejjem nimxu sew, la mal-oħrajn, lanqas ma' Alla, u ġieli anki magħna nfusna.

Kemm-il darba anqas ninduna li hemm minn għandu bżonn ftit attenzjoni għax jien ninsab komdu? Noqogħdu attenti mill-egoiżmu! Kemm insibuha bi tqila biex nammettu li żbaljajna? Kif jikkoreġina xi ħadd, infuru bir-rabja! Din hi suppervja. Kemm insibuha diffiċli li ngħinu lill-oħrajn? Jekk ma nindunawx li qegħdin ħażin anqas tidħol f'rasna li rridu ninbidlu.

Ejjew fil-bidu tar-Randan inwegħdu lilna nfusna li nfittxu li nsiru aħjar. Naħsbu ftit x'inhuma d-difetti tagħna u nitolbu lil Ġesù jgħinna. Ejjew insibu ħin biex nitolbu ħalli ma nkunux waħedna li qed naħdmu biex insiru aħjar imma jkollna lil Ġesù li jagħmel tajjeb fejn il-ħila tagħna ma twassalx.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

SPIRTU, DEŻERT, ERBGĦIN, ANĠLI, ĠWANNI, GALILIJA, EVANĠELJU, SALTNA, ĠESÙ, EMMNU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | E | Z | E | R | D | S | P | I | R |
| E | S | E | P | E | R | J | E | N | U |
| Z | P | R | D | E | Ż | E | R | T | A |
| R | I | T | A | L | A | K | B | I | R |
| E | R | B | GĦ | I | N | B | E | T | A |
| M | T | U | N | A | Ġ | S | J | A | E |
| M | U | N | O | È | L | A | A | R | N |
| N | G | G | A | L | I | L | I | J | A |
| U | N | Ġ | A | L | I | T | I | K | N |
| K | W | A | R | E | Ż | N | I | A | Ġ |
| Ġ | W | A | N | N | I | A | Ġ | A | E |
| E | S | P | E | R | J | E | N | K | L |
| S | T | R | A | T | T | O | Z | U | J |
| Ù | A | N | N | I | M | A | L | I | U |

Aghti l-kulur



## SAN PIETRU DAMIANI

San Pietru Damjani twieled f'Ravenna, l-Italja, fl-1007, għand familja numeruża u fqira ħafna. Meta kien għadu ċkejken tilef lil missieru. Sa minn tfulitu beda jaħdem, billi daħal ma' wieħed ragħaj, u kien jirgħalu l-merħliet.

Ħuh il-kbir, li kien miżżewweġ, ħadu miegħu, imma kien jittrattah ħażin. Imbagħad ħuh ieħor, li kien jismu Damjan u kien sar Arċipriet ta' Ravenna ħadu miegħu, rabbieh, u edukah. Bħala rikonoxximent lejn dan ħuh, Pietru ħa ismu, u beda jissejjaħ Pietru Damjani.

Fl-1032 ta' ħamsa u għoxrin sena laħaq professur. Iżda l-ħajja tad-dinja ma għoġbitux. Ried jgħix f'għaqda ikbar ma' Alla, u fl-1035 ħalla l-karriera ta' għalliem li kien qabad b'suċċess, u daħal mal-Benedittini fil-monasteru ta' Fonte Avellana, fuq il-muntanji Appennini.

Fl-1043, meta kellu 36 sena, ġie magħżul biex ikun Abbati ta' Fonte Avellana, u fl-1057, il-Papa Stiefnu IX ħatru Kardinal-Isqof ta' Ostia. Ħadem ħafna għall-Knisja, speċjalment bil-kitba, u billi għamel missjonijiet diplomatiċi li wħud minnhom kienu tassew diffiċli, għal seba' Papiet, bħala Delegat tagħhom.

Fl-aħħar, il-Papa Alessandru II tah permess imur jgħix kif xtaq, fis-solitudni tal-monasteru ta' Fonte Avellana. Iżda wkoll minn hemm għamilha ta' Delegat tal-Papa f'missjonijiet tqal oħra. Darba fi triqtu lura minn Ravenna, fejn kien mar b'Missjoni, marad sew u kellu jirtira fil-monasteru ta' Santa Maria Vecchia f'Faenza, fejn miet fit-22 ta' Frar 1072. Fuq qabru, hemm il-kliem li hu stess kiteb: "Dak li int, jien kont. Dak li jien, int għad tkun."

**Ħsieb ta' San Pietru Damiani:** Tħallix li l-qtigħ ta' qalb jagħmel bik, toqgħodx tgemgem u titlewwem, tkunx qalbek sewda u mdejjaq, u qis li n-nuqqas ta' kuraġġ ma jtellifleкx sabrek; imma kun dejjem wiċċek għad-dawl, spirtu ferħan, u fommok mimli bir-radd ta' ħajr.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
**Aħbar Tajba**

Dan il-fuljett johroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION